



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Novembru 2020
(OR. en)

12282/20
PV CONS 27
ENV 661
CLIMA 280

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ambjent)
23 ta' Ottubru 2020

WERREJ

Pàġna

1.	Adozzjoni tal-aġenda	3
2.	Approvazzjoni tal-punti "A"	3
a)	Lista mhux leġislattiva	3
b)	Lista leġislattiva	4

Deliberazzjonijiet leġislattivi

3.	Regolament dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Klima	4
----	---	---

Attivitajiet mhux leġislattivi

4.	Konklużjonijiet dwar il-Bijodiversità - il-ħtieġa għal azzjoni urġenti	4
5.	Affarijiet oħra	6
a)	Proposta għal riforma tal-EU ETS	5
b)	Summit dwar l-Adattament għall-Klima (CAS 2021) (In-Netherlands, 25 ta' Jannar 2021)	5
c)	Proposta leġislattiva attwali	5
	Deċiżjoni dwar it-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali	
d)	Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà	5
e)	Proposta leġislattiva attwali	5
	Aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali - Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1367/2006 ta' Aarhus	
f)	Aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali	6
	Komunikazzjoni dwar l-Aċċess għall-Ġustizzja fl-Istati Membri	
g)	It-tmien sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali f'Kuntest Transkonfinali (Espoo MOP-8) (Vilnius, 8-11 ta' Diċembru 2020)	6
h)	Laqgħa ta' livell għoli tal-Forum Dinji dwar l-Ekonomija Ċirkolari fuq l-ekonomija ċirkolari, Climate Nexus (WCEF+il-klima) (In-Netherlands, 15 ta' April 2021)	6

ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill	7-13
--	------

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 11870/1/20 REV 1.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġislattiva

12067/20 + **COR 1**

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 12067/20 inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

Għall-punti li ġejjin dawn id-dokumenti għandhom jaqraw kif ġej:

Pożizzjonijiet tal-UE għal negozjati internazzjonali

5. Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fl-MEPC 75/MS 102 tal-OMI fir-rigward tal-adozzjoni ta' emendi
Adozzjoni
approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-21.10.2020

☐ 11351/20
+ **ADD 1**
11340/20
MAR
OMI

Affarijiet Barranin

19. Relazzjonijiet mal-Amerka Ċentrali - Adeżjoni tal-Kroazja u applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Amerka Ċentrali

6046/1/20 REV 1
COLAC

- a) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar
Adozzjoni

☐ 6047/20
6049/1/20 REV 1
+ **REV 2 (es)**

- b) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni
Talba għall-kunsens tal-Parlament Ewropew
approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-21.10.2020

☐ 6048/20
6049/1/20 REV 1
+ **REV 2 (es)**

- b) **Lista leġiżlattiva** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

12068/20

Ambjent

1. **Direttiva dwar l-ilma tax-xorb (riformulazzjoni)**
Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-14.10.2020

 11563/20
+ ADD 1 REV 1
6230/20
+ REV 1 (pl)
+ REV 2 (hu)
+ ADD 1
ENV

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill, bid-delegazzjoni Bulgara tivvota kontra u d-delegazzjoni Awstrijaka tastjeni. (Bażi legali: l-Artikolu 192(1) TFUE).

Id-dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness (paġna 12).

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. **Regolament dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Klima**
Approċċ ġenerali parzjali

 12083/20
6547/20
10868/20

Il-Kunsill qabel dwar approċċ ġenerali parzjali kif jinsab fid-dokument 12261/20.

Id-dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness (paġna 7).

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

4. **Konklużjonijiet dwar il-Bijodiversità - il-ħtieġa għal azzjoni urġenti**
Approvazzjoni

 11829/20 + ADD 1
+ REV 1 (de)

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument 12210/20.

Id-dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness (paġna 9).

Affarijiet oħra

5. a) **Proposta għal riforma tal-EU ETS**  11766/20
Informazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Pollakka, kif ukoll l-interventi minn delegazzjonijiet oħra.

- b) **Summit dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima (CAS 2021)**  12021/20
(In-Netherlands, 25 ta' Jannar 2021)
Informazzjoni mid-delegazzjoni Netherlandiża

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mid-delegazzjoni Netherlandiża.

- c) **Proposta leġislattiva attwali**
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

Deċizzjoni tat-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali  11987/20
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni li saret mill-Kummissjoni kif ukoll l-interventi minn delegazzjonijiet oħra.

- d) **Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà**  11976/20 + ADD 1
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni li saret mill-Kummissjoni kif ukoll l-interventi minn delegazzjonijiet oħra.

- e) **Proposta leġislattiva attwali**
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

L-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali - Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1367/2006 ta' Aarhus  11853/20
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni li saret mill-Kummissjoni kif ukoll l-interventi minn delegazzjonijiet oħra.

- f) **Aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali** 11854/20
Komunikazzjoni dwar l-Aċċess għall-Ġustizzja fl-Istati Membri
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
- Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni li saret mill-Kummissjoni kif ukoll l-interventi minn delegazzjonijiet oħra.
- g) It-tmien sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-12031/20
Konvenzjoni dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali
f'Kuntest Transkonfinali (Espoo MOP-8) (Vilnius,
8-11 ta' Diċembru 2020)
Informazzjoni mid-delegazzjoni Litwana
- h) **Laqgħa ta' livell għoli tal-Forum Dinji dwar l-** 12007/20
Ekonomija Ċirkolari fuq l-ekonomija ċirkolari,
Climate Nexus (WCEF+il-klima)(In-Netherlands, 15
ta' April 2021)
Informazzjoni mid-delegazzjoni Netherlandiża
- Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mid-delegazzjoni Netherlandiża.

-
- ❶ L-ewwel qari
- ❷ Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (l-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
- ❸ Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
-

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" leġislattivi li jinsabu fid-dokument 11870/1/20 REV 1

Dwar il-punt "B"
nru. 3:

Regolament dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Klima
Approċċ ġenerali parzjali

DIKJARAZZJONI MILL-UNGHERIJA

"L-Ungerija hija impenjata bis-sħiħ li tikseb newtralità klimatika sal-2050 kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Ungerija dwar il-protezzjoni tal-klima adottata mill-Parlament fit-3 ta' Ġunju 2020. L-Ungerija kkontribwiet b'mod sinifikanti għall-isforzi klimatiċi tal-UE billi naqqset l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħha bi 33 % fl-2018 meta mqabbla mal-1990, ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 25 %.

L-Ungerija tappoġġa l-adozzjoni tal-approċċ ġenerali parzjali tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Fl-istess ħin, l-Ungerija tissottolinja li l-ftehim finali (approċċ ġenerali) dwar il-fajl ser ikun soġġett għall-kondizzjonijiet elenkati hawn taħt.

1. Ir-rwol tal-Kunsill Ewropew

Il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2020 m'għandux jiddeċiedi biss dwar il-valur tal-mira għall-2030, iżda għandu jipprovdi wkoll gwida dwar kif din il-mira ser tintlaħaq (qafas ta' abilitazzjoni) b'mod simili għal dak ta' Ottubru 2014. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru għandhom jittrasformaw il-prinċipji ta' hawn taħt fi gwida dettaljata. Għall-Ungerija, l-adozzjoni ta' tali gwida hija kondizzjoni solida (*sine qua non*) tal-ftehim dwar il-livell ogħla ta' ambizzjoni. Il-Kunsill Ewropew għandu regolarment jerġa' lura għall-kwistjoni u jivvaluta l-implimentazzjoni tal-gwida tiegħu.

2. Prinċipji tal-qafas ta' abilitazzjoni

Il-prinċipji ewlenin tal-qafas ta' abilitazzjoni tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu u ta' Ottubru 2014 u ta' Diċembru 2019, imsaħħa mill-konklużjonijiet ta' Ottubru 2020¹, iridu jibqgħu fis-seħħ kif ġej:

- *konverġenza*: l-Istati Membri kollha jridu jipparteċipaw fl-isforzi klimatiċi tal-Unjoni. Għal dak il-għan l-Ungerija tqis li kull Stat Membru għandu jikseb tnaqqis gross ta' mill-inqas 40 % tal-emissjonijiet sal-2030 fuq livell tal-1990,
- *rikonoxximent ta' kisbiet bikrija*: kisbiet bikrija u għoljin mill-Istati Membri fil-qasam tat-tnaqqis tal-emissjonijiet iridu jiġu rikonoxxuti meta jiġu stabbiliti aktar miri ta' tnaqqis,
- *solidarjetà u ġustizzja*: il-mekkaniżmi taħt l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) biex jassistu lill-Istati Membri bi PDG per capita aktar baxx – b'mod partikolari l-Fond għall-Modernizzazzjoni – għandhom jibqgħu fis-seħħ u, kif xieraq, għandhom jiġu estiżi. L-istabbiliment tal-miri nazzjonali ta' tnaqqis għas-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS irid ikun ibbażat fuq il-PDG per capita relattiv,
- *newtralità teknoloġika*: fid-dawl tad-drittijiet tal-Istati Membri li jagħżlu t-taħlita tal-enerġija nazzjonali tagħhom, it-teknoloġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju – inkluż dawk nukleari – iridu jitqiesu fuq l-istess livell,
- *provvista sigura u affordabbli ta' enerġija*: il-qafas ta' abilitazzjoni għandu jiżgura l-provvista sigura u affordabbli tal-enerġija. Biex jiġi evitat il-faqar enerġetiku, ma jista' jiġi introdott l-ebda prezz uniformi tal-karbonju fis-settur residenzjali lil hinn mill-qafas eżistenti tal-ETS,
- *ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u l-kompetittività*: livell suffiċjenti ta' protezzjoni kontra r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju huwa essenzjali sabiex jiġi żgurat li l-politika dwar il-klima ma tagħmilx ħsara lill-kompetittività industrijali tal-UE."

DIKJARAZZJONI MILL-IŻVEZJA, IL-LUSSEMBURGU, ID-DANIMARKA, SPANJA U L-AWSTRIJA

"L-Iżvezja, il-Lussemburgu, id-Danimarka, Spanja u l-Awstrija jappoġġaw l-approċċ ġenerali parzjali tal-Kunsill għal-Liġi tal-UE dwar il-Klima iżda jissottolinjaw l-importanza li kull Stat Membru jilħaq in-newtralità klimatika fil-livell nazzjonali sal-2050 sabiex tinkiseb UE newtrali għall-klima sa dik id-data.

Fil-fehma tagħna, it-tali obbligu jagħti qafas aktar robust biex jintlaħaq l-oġettiv tan-newtralità klimatika sal-2050, kif approvat mill-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2019."

¹ Eż. il-Konklużjonijiet tal-EUCO ta' Ottubru 2014, il-paragrafi 2.2., 2.10, Diċembru 2019, il-paragrafu 6.

DIKJARAZZJONI MILL-IŻVEZJA U L-LATVJA

"L-Iżvezja u l-Latvja jappoġġaw il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bijodiversità – il-ħtieġa għal azzjoni urġenti. Madankollu, l-Iżvezja trizerva d-dritt tagħha li tiddefinixxi foresta primarja f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali sakemm il-proċessi parteċipatorji li għaddejjin dwar id-definizzjonijiet li għandhom jintużaw fl-UE jiġu ffinalizzati u maqbula mill-Istati Membri."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGHERIJA

"Il-bijodiversità hija l-bażi assoluta tal-ħajja. Il-kontribut attiv ta' diversi setturi inkluż is-setturi tal-agrikoltura u l-foresti għall-protezzjoni tal-bijodiversità huwa essenzjali.

Madankollu, l-Ungerija tenfasizza li l-ilħuq ta' wħud mill-miri mressqa mill-Kummissjoni Ewropea jidher impossibbli li jinkiseb jew jista' jkun ta' piż sproporzjonat fil-livell tal-Istati Membri. Aħna nqisu b'mod speċjali t-tnaqqis ta' 50 fil-mija fl-użu globali tal-pestiċidi kimiċi u l-mira ta' 25 fil-mija biedja organika huma kkunsidrati li ma jistgħux jintlaħqu fil-perijodu ta' żmien tal-istrateġija fil-livell tal-Istati Membri. Barra minn hekk, l-estensjoni proposta ta' żoni protetti u strettament protetti teħtieġ kjarifika ulterjuri rigward il-bażi xjentifika u d-definizzjonijiet ewlenin tagħha.

L-Ungerija tenfasizza li l-leġiżlazzjoni li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-istrateġija għandha fil-każijiet kollha tkun ibbażata fuq valutazzjonijiet tal-impatt dettaljati fil-livell tal-Istati Membri.

L-Ungerija tissottolinja li l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti hija qafas u strument effettiv biex tinżamm u tittejjeb il-bijodiversità tal-foresti. Dan il-kunċett għandu jiġi kkunsidrat sew u jkun rifless fl-Istrateġija tal-UE għall-Foresti li jmiss u speċjalment permezz tal-implimentazzjoni tal-istrateġiji rilevanti.

Huwa ta' importanza kbira li l-kontribut tal-Politika Agrikola Komuni għall-oġettivi tal-Istrateġija għall-Bijodiversità jkun ibbażat fuq sfond legali sod u jkun proporzjonat mal-fondi disponibbli. Il-bdiewa u s-sidien tal-foresti għandhom jikkonformaw biss mar-rekwiżiti li huma inkorporati fl-atti bażiċi jew f'leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-UE. Peress li r-rakkomandazzjonijiet li jmiss tal-Kummissjoni għall-pjanijiet strateġiċi nazzjonali dwar kif għandhom jiġu indirizzati l-oġettivi tal-Istrateġija għall-Bijodiversità u l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt huma mistennija li ma jkunux jorbtu legalment, dawn jistgħu jipprovdu biss lill-Istati Membri bi gwida addizzjonali li huma jistgħu jqisu meta jfasslu l-Pjanijiet Strateġiċi nazzjonali tal-PAK tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-Pjanijiet Strateġiċi nazzjonali biss b'referenza għall-kriterji li għandhom bażijiet legali xierqa. Jekk Stat Membru jmur għal għażliet ta' politika differenti mir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, dan ma għandu jinvolti ebda konsegwenza legali fir-rigward tal-adozzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi nazzjonali tal-PAK."

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"Il-gvern tal-Polonja b'mod ġenerali jappoġġa l-ħtieġa li tiġi protetta l-bijodiversità fl-UE u li jitwettqu azzjonijiet komuni fir-rigward tagħha, li huma ta' importanza kruċjali biex tiġi żgurata l-ħajja tan-nies fid-Dinja u biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet fundamentali tagħhom.

Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità u l-oġettivi tagħha, jeħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jipparteċipaw flimkien fl-iżvilupp tal-għodod meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħha. Dan ser jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri implimentabbli li huma bbażati fuq kriterji ċari u li jinftiehm.

F'dan il-kuntest, il-gvern tal-Polonja jenfasizza li huwa estremament importanti li tiġi żgurata parteċipazzjoni reali tal-Istati Membri fl-iżvilupp ta' definizzjonijiet, inkluż id-definizzjoni ta' protezzjoni stretta, kif ukoll fl-elaborazzjoni ta' kriterji u gwida għall-identifikazzjoni u d-deżinjazzjoni ta' żoni protetti addizzjonali u kurituri ekoloġiċi u gwida għall-għażla ta' habitats u speċijiet biex jiġi żgurat li mill-inqas 30 % tal-ispeċijiet u l-habitats protetti jilhq status favorevoli, kif imħabbar fl-Istrateġija, għaliex huma ta' importanza kruċjali fl-implimentazzjoni tad-dokument, u b'mod partikolari - fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fih.

Huwa prematur li jiġi ddeterminat, fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill, il-metodu ta' distribuzzjoni tal-isforzi bejn l-Istati Membri biex jintlaħqu l-miri tal-UE. Il-Polonja temmen b'mod partikolari li f'dan l-istadju ma għandhiex tittieħed deċizzjoni dwar l-elementi li għandhom jitqiesu meta tiġi deċiża liema parti tal-mira tal-UE ser tiġi allokata lill-Istati Membri individwali. Dan il-proċess ser ikun ta' importanza fundamentali biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Istrateġija u jirrikjedi analiżi bir-reqqa fl-Istati Membri.

Fl-istess ħin, il-Polonja tappoġġa l-ħtieġa li jinżammu ekosistemi tal-foresti b'saħħithom u reżiljenti li ser ikunu kapaċi jissodisfaw ħafna funzjonijiet. Madankollu, fil-kundizzjonijiet Ewropej, it-teżi dwar it-tnaqqis tal-bijodiversità fil-foresti ġestiti ma ġietx ikkonfermata, għall-kuntrarju, hemm eżempji ta' tnaqqis tal-bijodiversità fil-foresti li huma taħt protezzjoni stretta. Il-Polonja tirrimarka li fiż-żmien meta ġiet approvata l-istrateġija, ma kinux ġew adottati definizzjonijiet, inkluż id-definizzjoni ta' foresti antiki. Id-definizzjoni ta' dan it-terminu bħalissa qed tiġi diskussa u huwa diffiċli li wieħed ibassar ir-riżultat finali. F'din is-sitwazzjoni, meta titqies id-diversità tal-kundizzjonijiet naturali fl-Istati Membri individwali, huwa diffiċli wkoll li wieħed jitkellem dwar id-deżinjazzjoni u l-monitoraġġ ta' foresti mhux definiti u dwar il-metodi ta' protezzjoni tagħhom. Skont il-Polonja, għandha tiġi ppreżentata definizzjoni, għandhom isiru konsultazzjonijiet mal-Istati Membri u għandha ssir simulazzjoni taż-żona koperta minn dawn il-foresti kif ukoll stima tal-effetti soċjoekonomiċi tal-protezzjoni stretta tagħhom.

Għandu jiġi enfasizzat li fil-kuntest tat-tibdil osservat fil-klima, li l-iskala u l-impatti tiegħu huma diffiċli li tipprevedihom, il-valutazzjoni tal-effetti ambjentali tagħhom ukoll qed issir sfida dejjem akbar. In-nuqqas ta' kapaċità ta' rispons għal disturbi anke fiż-żoni potenzjalment definiti bħala foresti antiki jista' jwassal għall-mewt ta' kumplessi sħaħ ta' foresti, u wħud minnhom jistgħu jitilfu b'mod irrimedjabbli l-valuri u l-funzjonijiet naturali tagħhom. Għandu jiġi enfasizzat li l-foresti fil-Polonja ġew u huma ġestiti b'mod sostenibbli, b'rispett għad-diversità bijoloġika, u bis-saħħa ta' approċċ sostenibbli għar-riżorsi, inkluż ir-riżorsi naturali, qed jitħaddem network ta' diversi forom ta' protezzjoni tan-natura. Il-ġestjoni tar-riżorsi tal-foresti hija bbażata fuq mudell ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti li jiżgura s-sostenibbiltà, il-kontinwità u l-vitalità tal-foresti, filwaqt li jipprovdi kenn u habitat għal ħafna speċijiet. Għalhekk, il-Polonja hija partikolarment interessata li l-attivitajiet ippjanati skont l-Istrateġija jgħibu aktar effetti pożittivi, l-ewwel nett, għall-wirt naturali tal-UE kollha kemm hi u tal-Istati Membri individwali, kif ukoll għall-kundizzjonijiet tal-għajxien u s-saħħa taċ-ċittadini kollha."

Dwar il-punt "A"
nru 1::

Direttiva dwar l-ilma tax-xorb (riformulazzjoni)

Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija tqis li t-test finali tal-Artikolu 11 "Rekwiżiti minimi tal-iġjene għal materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem" mhuwiex sodisfaċenti minħabba n-nuqqas ġenerali ta' ċarezza kunċettwali tiegħu u n-nuqqas ta' koerenza bejn ir-rekwiżiti tad-Direttiva dwar l-ilma tax-xorb bħala parti mil-leġislazzjoni ambjentali, u r-rekwiżiti tal-leġislazzjoni eżistenti dwar l-armonizzazzjoni tal-prodotti.

Jiddispjaċina li t-tħassib tagħna dwar problemi fl-implimentazzjoni prattika tal-att ma ġiex indirizzat kif xieraq fil-verżjoni finali tal-att.

Għal din ir-raġuni, il-Bulgarija ma tistax tesprimi l-kunsens tagħha mat-test adottat tal-Artikolu 11 u, għaldaqstant, tivvota "kontra" fir-rigward tat-test finali tad-Direttiva."

DIKJARAZZJONI MIL-LUSSEMBURGU

"Fl-ispirtu ta' kompromess, il-Lussemburgu jista' jaċċetta l-qbil dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni), li tipprovdi wkoll tweġiba pożittiva għall-inizjattiva Right2Water.

Madankollu, il-Lussemburgu jiddispjaċih li s-soluzzjoni miżmuma għall-metaboliti tal-pestiċidi mhijiex aktar ambizzjuża u l-fatt li, fin-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt dettaljata, il-konsegwenzi tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-materjali ta' kuntatt ma għaddewx minn biżżejjed analiżi fir-rigward tal-ispejjeż u l-ispejjeż li għandhom jiġġarbu mill-partijiet ikkonċernati."

DIKJARAZZJONI MIN-NETHERLANDS

- Artikoli 1 u 16

"In-Netherlands jappoġġa bis-siġh l-importanza tal-aċċess għall-ilma tax-xorb u laqa' l-inizjattiva Right2Water. In-Netherlands għandu prattika u qafas legali b'saħħtu rigward l-aċċess għall-ilma tax-xorb ta' kwalità tajba u l-provvista tiegħu fil-livell nazzjonali. Madankollu, in-Netherlands jibqa' tal-opinjoni li d-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb, b'attenzjoni għall-kwalità tal-ilma tax-xorb, mhijiex l-istrument adattat biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tat-titjib tal-aċċess għall-ilma tax-xorb fl-UE.

In-Netherlands jinsab dubjuż dwar it-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva b'mod li jirriskja jdghajef ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, speċjalment in-natura obbligatorja u speċifika ta' ċerti miżuri. In-Netherlands jappoġġa l-adozzjoni ta' din id-Direttiva bil-ħsieb tal-benefiċċji ċari u usa' li hija ser tikkontribwixxi għall-kwalità tal-ilma tax-xorb u peress li jemmen li s-sistema tiegħu tal-ilma tax-xorb hija konformi mal-obbligi tal-Artikolu 16, iżda jenfasizza li l-kwistjoni ta' kif għandu jiġi indirizzat l-aċċess għall-ilma tax-xorb, hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri.”

**DIKJARAZZJONI MINN ĊIPRU, IĊ-ĊEKJA, ID-DANIMARKA, FRANZA, IL-
ĠERMANJA, L-UNGERIJA,
MALTA, IN-NETHERLANDS U L-POLONJA rigward il-premessa 47**

"L-Istati Membri msemmija hawn fuq jappoġġaw l-adozzjoni tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb, li mhux biss ser tiżgura standards għolja b'rabta mas-sikurezza tal-ilma tax-xorb għaċ-ċittadini tagħna, iżda ser ittejjeb ukoll b'mod indirett il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.

Madankollu, inqisu li huwa għalkollox inadatt li tiġi inkluża formulazzjoni ġenerali dwar it-teħid ta' azzjoni min-naħa tal-Kummissjoni fir-rigward tal-aċċess għall-ġustizzja fl-Istati Membri fid-dikjarazzjoni tar-raġunijiet ta' att legali dwar l-ilma tax-xorb. Dan ma jbidilx l-istatus legali attwali dwar l-aċċess għall-ġustizzja u lanqas ma jagħti aktar setgħa lill-Kummissjoni biex tiegħu passi legali dwar dawn il-kwistjonijiet.

Il-konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus, li għaliha l-Istati Membri huma partijiet kontraenti fisimhom stess, hija kwistjoni li nieħdu bis-serjetà. Il-konformità tal-Istati Membri mal-Konvenzjoni ta' Aarhus tista' l-aħjar tiġi indirizzata, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, fil-livell tal-Istat Membru. L-isfida reali li għandha tiġi indirizzata, madankollu, tibqa' l-konformità proprja tal-Unjoni mal-Konvenzjoni ta' Aarhus, kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2018/881, u fis-sejbiet tal-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus fil-kawża ACCC/C/2008/32. Minkejja t-tlestija tal-istudju mitlub mill-Kunsill, u d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2019 li għandha "tikkunsidra r-reviżjoni tar-Regolament ta' Aarhus" (Regolament 1367/2006), aħna ninnotaw li ebda proposta bħal din ma ssemmiet fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2020.

Għalkemm ninsabu lesti li nappoġġaw l-adozzjoni ta' din id-Direttiva bil-ħsieb tal-benefiċċji usa' li ser iġġib magħha, xorta waħda ser nibqgħu viġilanti biex niżguraw li tali lingwaġġ dwar l-aċċess għall-ġustizzja fl-Istati Membri ma jiġix inkluż f'atti leġiżlattivi futuri fil-qasam tal-ambjent."